



C/2024/4476

22.7.2024

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-31 ta' Mejju 2024 – Stellar Travels vs EUIPO – Gkolemis (Goldair
Tourism)**

(Kawża T-57/23) ⁽¹⁾

**(“Trade markk tal-Unjoni Ewropea – Revoka tad-deċiżjoni kkontestata – Tmiem tas-suġġett tat-tilwima –
Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)**

(C/2024/4476)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Stellar Travels Touristikes Epicheiriseis AE, li kienet Goldair Tourism Touristikes Epicheiriseis AE (Péanie, il-Greċja) (rappreżentant: E. Ventouri, avukata)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: T. Frydendahl, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Gkolemis Etaireia Aeroporikon Exypiretiseon AE (Maróusi, il-Greċja) (rappreżentant: E.-P. Liaskos, avukat)

Suġġett

Permezz tar-rikors tagħha, ibbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tad-19 ta' Diċembru 2022 (Każ R 1385/2022-4).

Dispożittiv

- 1) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.
- 2) L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) huwa kkundannat għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 112, 27.3.2023.